**Wirt Għawdex**

*(founded 1981)*

**Stqarrija lill-Istampa**

**Xogħlijiet ta’ restawr mill-ġdid fit-Torri ta’ Mġarr ix-Xini**

Fit-Torri ta’ Mġarr ix-Xini mibni fi żmien il-Gran Mastru De Redin fl-1661, bħalissa għaddejjin xogħlijiet ta’ restawr li qegħdin isiru mill-Ministeru għal Għawdex flimkien ma’ l-għaqda volontarja Wirt Għawdex.

Xogħlijiet estensivi ta’ restawr fuq dan it-torri kienu saru miż-żewġ organizzazzjonijiet xi snin ilu, iżda minħabba diversi atti vandali mwettqa matul dawn l-aħħar snin kif ukoll problemi oħra kkawżati mill-elementi, kien meħtieġ li jsiru aktar xogħlijiet ta’ restawr. Fil-fatt reġa ġie rikostruit il-garigor li jagħti għall-bejt, saret ċangatura ġdida kif ukoll tikħil ta’ diversi partijiet tat-torri. Inħadmu wkoll diversi aperturi fosthom il-bieb u l-pont li jwassal għalih.

Il-Ministru għal Għawdex Giovanna Debono żaret il-post u iltaqgħet mal-president u s-segretarju ta’ Wirt Għawdex kif ukoll ma’ l-impjegati tad-Dipartiment tal-Proġetti u Żvilupp li wettqu dawn ix-xogħlijiet. Il-Ministru qalet li f’dan il-kas il-gvern issieħeb ma’ għaqda mhux governattiva biex isalvaw parti mill-wirt storiku ta’ pajjiżna u biex b’hekk tgħaddi fi stat tajjeb ta’ preservazzjoni lil ta’ warajna. Hija qalet li permezz ta’ *management agreements*, l-għaqda Wirt Għawdex ġiet mgħoddija r-responsabbilta’ ta’ diversi siti storiċi u ħeġġet lill-għaqda biex tagħmel użu siewi minn dan it-torri. Il-Ministru ikkundannat atti vandali li jsiru fuq postijiet u monumenti storiċi u qalet li kulħadd għandu jħoss li l-wirt ta’ missirijietna ma’ jappartjenix biss lil gvern jew xi għaqda partikolari iżda huwa ta’ kulħadd, u kulħadd għandu jħossu responsabbli li jħares dan il-wirt.

**16.09.2008**

*Wirt Għawdex, Dar il-Lunzjata, Wied il-Lunzjata, Rabat VCT 1680, Għawdex, Malta – www.wirtghawdex.org*

Wirt Għawdex

(founded 1981)

**Press Release**

## New restoration works at Mġarr ix-Xini Tower

Restoration works are currently being carried out at the Mġarr ix-Xini tower, built in the times of Gran Master De Redin in 1661. These works are being effected through the collaboration of the Ministry for Gozo and the voluntary organisation *Wirt Għawdex*.

Extensive restoration works on this tower had been carried out by these same entities some years ago. However, due to various vandalism acts perpetrated during recent years as well as other damage caused by natural elements, the need for further restoration arose. In fact the internal staircase leading to the roof has been reconstructed while several parts of the tower were plastered. The floor was covered with new stone slabs while new apertures were installed amongst which the main door and the bridge leading to it.

The Minister for Gozo, the Hon. Giovanna Debono, paid an on site visit during which she met with the president and secratary of *Wirt Għawdex* as well as the employees deployed by the Department for Projects and Development within the Minsitry for Gozo, to effect the related works. The Minister explained how in this case, the Ministry for Gozo joined forces with a non-governmental organisation, in order to safeguard part of our country's historical heritage. This will ensure that it is conserved and passed on in a duly preserved state to future generations. Minister Debono also said that through management agreements, *Wirt Għawdex* was given the responsability of various historical sites while urging members to make effective use of this tower. The Minister for Gozo condemned all vandal acts particularly those effected on monuments and heritage sites. Minister Debono stressed the need for everyone to realise that our heritage, which was passed on by our ancestors, does not only belong to the Government or a particular entity but it belongs to all of us. It is therefore everyone's responsability to safeguard and protect this heritage.

**16.09.2008**